MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2533/2000/1

**John u Filomena mizzewgin Zahra**

**Vs**

**Silvio Domenico Smith**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni presentata mill-atturi fid-29 ta' Novembru, 2000, li fiha, wara li ppremettew illi b'kuntratt pubbliku datat 21 ta' Lulju, 2000 hawn anness bhala Dok "X" il-konvenut ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur favur l-atturi fis-somma ta' hamest elef, mitejn u hamsin lira flus Maltin (LM5250) lilhu mislufa "brevi manu", peress illi l-istess debitur obbliga ruhu jhallas dan id-debitu b'pagamenti mensili u konsekuttivi ta' mhux anqas minn mija u hamsin lira (LM150), bl-ewwel pagament isir sal-31 ta' Awissu 2000 bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena a skaletta; peress li gie konvenut bejn il-kontraenti illi jekk il-konvenut jonqos li jhallas skadenza ghal izjed minn xahrejn huwa jiddekadi mill-beneficcju tat-terminu u l-atturi

ikollhom dritt jitolbu l-ammont kollu dovut f'daqqa; illi il-konvenut hallas biss skadenza wahda cioe l-ewwel wahda fl-ammont ta' mija hamsa u tmenin lira u seba u sittin centezmu (LM185.67) u ghalhekk illum huwa debitur fl-ammont bilancjali ta' hames elef mija disa u disghin lira u wiehed u tmenin centezmu (LM5199.81) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hamest elef u mitt lira (LM5100.00) bilanc tal-kapital u in kwantu ghas-somma ta' disa u disghin lira u wiehed u tmenin centezmu (LM99.81) imghax tat-8% mill-20 ta' Settembru, 2000, sal-21 ta' Novembru, 2000 (salv imghax ulterjuri); peress li interpellat biex ihallas il-konvenut irrifjuta.

Talab ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu;

2. Illi konsegwentement tikkundannah ihallas is-somma ta' hamest elef, mija disa u disghin lira u wiehed u tmenin centezmu (LM5199.81) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hamest elef u mitt lira (LM5100.00) bilanc tal-kapital u in kwantu ghal bilanc ta' disa u disghin lira u wiehed tmenin centezmu (LM99.81) imghax tat-8% fuq l-istess bilanc ghal perijodu 20 ta' Settembru, 2000 sal-21 ta' Novembru, 2000.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Ottubru, 2000.

Il-konvenut huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li:

1. in linea preliminari, l-iskrittura tal-21 ta' Lulju, 2000 li bih kien kostitwit id-debitu meritu tal-kwistjoni, m'hijiex valida stante li ma gietx iffirmata minn mart l-esponenti, Pauline Smith;

2. illi wkoll in linea preliminari, fi kwalsiasi kaz, il-gudizzju mhuwiex integru stante li d-debitu meritu tal-kwistjoni sar matul iz-zwieg u ghalhekk kellha tigi mharrka wkoll mart l-esponenti u cioe' Pauline Zahra

3. fil-meritu, jinghad li wara li giet redatta l-iskrittura msemmija il-partijiet ftehmu li ma jghaddix imghax fuq il-kapital misluf. Ghalhekk m'ghandux jidekorri ebda mghax fuq il-kapital.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat in-Nota tal-konvenut tas-27 ta' Gunju, 2001, li in forza taghha il-konvenut irrinunzja ghat-tieni eccezzjoni;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Mejju, 2002, li in forza taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi f'din il-kawza huma l-genituri ta' mart il-konvenut, minnu legalment separata b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono tal-10 ta' Ottubru, 2000. Qabel ma sehhet din is-separazzjoni, il-konvenut, li kellu business li kien fi problemi finanzjarja, talab lill-misier il-mara tieghu biex jinghata self ta' LM5250, u fil-fatt, u dan hu anness, l-atturi selfu din is-somma lill-konvenut. F'xi zmien wara li sar dan is-self, il-partijiet attendew quddiem in-Nutar Tony Abela u fil-21 ta' Lulju, 2000, giet iffirmata skrittura fejn il-konvenut ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur a favur l-attur ghas-somma ta' LM5250. Il-

konvenut obbliga ruhu li jirrifondi din is-somma b'rati likwidi u mhux interotti ta' LM150-il wahda, u dana bid-dekadenza tal-beneficcju tat-terminu f'kaz li l-istess konvenut jibqa' lura fil-hlas tal-istess debitu ghal izjed minn xahrejn.  Il-flus kellhom jinghataw lura bl-imghax ta' 8% li bdew jidekorru mid-data ta' l-iskrittura.

Irrizulta pruvat li ftit wara din l-iskrittura, il-konvenut ghamel pagament wiehed biss ta' LM150, u b'hekk waqa' lura fil-pagementi ghal hafna izjed minn xahrejn.  B'hekk, m'hemmx dubju li l-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu koncess lilu fl-imsemmi skrittura.

Il-konvenut la cahad li ha s-self u lanqas ma cahad li ghandu jhallas il-bilanc tal-flus li kien issellef minghand l-atturi;  huwa qed jghid biss li l-ftehim ma kienx li jhallas l-imghax fuq is-somma mislufa u kwindi m'ghandux ihallas imghax.

Meta xehed l-attur, dan qal li fil-waqt li hu veru li meta tkellem l-ewwel darba fuq is-self ma tkellmux fuq l-imghax, sakemm waslu li jmorru ghand in-Nutar, kienu gia' ftehmu li l-konvenut ihallas 8% imghax;  anzi, l-attur jghid li l-konvenut offra li jhallas 9% fl-imghax.  Il-konvenut da parti tieghu jghid li hu kien issellef minghand missier il-mara biex jiffranka jhallas l-imghax lill-Bank li minghandu kien se jiehu self ghan-negozju tieghu.

Din il-Qorti ma tantx se taghti importanza lil din ix-xhieda, peress li, fl-ahhar mill-ahhar, il-partijiet resqu biex il-ftehim li lahqu bil-fomm jirrideguh ghall-kitba, u min din il-kitba jidher car li l-ftehim kien li l-flus jigi rifusi bl-imghax ta' 8%.  Kieku veru li l-partijiet kienu ftehmu li s-self ikun bla imghax, il-konvenut ma kienx jiffirma l-iskrittura ta' Lulju 2000.  Il-konvenut kien gia' ha l-flus u ma kellux, allura, necessita, impellenti biex jiffirma skrittura biex jirrikonoxxi d-dejn;  fi kliem iehor, il-konvenut ma jistax jargumenta li hu ffirma l-iskrittura biex jiehu l-flus li kellu bzonn, ghax fil-fatt il-flus kienu gia ilhom f'idejh ghal xi xhur.

Il-Qorti tirrimarka li l-konvenut, fil-fatt, iffranka imghax ghax hu ha l-flus xhur qabel id-data tal-iskrittura, u l-

imghax inbeda mid-data ta' l-iskrittura u mhux mid-data li fiha effetivament ha l-flus. Ghalhekk, anke jekk ghal-ewwel il-partijiet ma tkellmux fuq imghax, il-konvenut fil-fatt ha dan il-beneficcju, ghax l-imghax beda jigi kkalkulat mid-data li fiha l-partijiet effettivament iffirmaw u accettaw li jibda' jidekorri imghax fuq is-somma mislufa. Il-konvenut iffranka ukoll ic-*charges* tal-Bank li kieku ssellef minn hemm, u, ghalhekk, zgur li ma jistax jghid li mar hazin b'dan in-negozju ma' missier il-mara.

Hi x'hini, il-partijiet ftehmu li l-ftehim milhuq inizzluh bil-kitba u, kwindi, ir-relazzjonijiet ta' bejn il-partijiet ghandhom jigu regolati b'dik il-kitba. Ma sar ebda tentattiv da parti tal-konvenut biex jitlob li dik il-kitba tigi invalidata fuq bazi ta' vizzju ta' kunsens, u, ghalhekk, fuq bazi tal-principju *pacta sunt scrivanda*, il-konvenut irid jonora dak li accetta fl-iskrittura ta' Lulju, 2000.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet tal-attur kif dedotti, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' LM5199.81c (hames t'elef, mija u disgha u disghin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu) rapprezentanti l-bilanc u l-imghax dovut fuq dak il-bilanc sal-21 ta' Novembru, 2000, bl-imghaxijiet legali ta' 8% fuq din is-somma minn dik id-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

IMHALLEF

D/REG